MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 581/2003

**Kurt Guillaumier bhala Sindku u Josef Grech bhala Segretarju Ezekuttiv**

**vs**

**Frans Ghirxi u Rene Savona Ventura**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta' Novembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi nomine sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikun kkundannati:

1. Illi prevja dikjarazzjoni skond il-ligi illi l-konvenut ta' l-ittra bit-titolu "Xejn anqas mill-verita'" miktuba mill-konvenut Rene' Savona Ventura u stampata fil-harga tal-gurnal "L-Orizzont" tal-31 ta' Ottubru tas-sena

2003 fil-pagna numru hdax (11), huwa libelluz, malafamanti u ngurjuz fil-konfront ta’ l-atturi nomine u jesponi u jwaqqa’ lill-istess atturi nomine ghad-disprezz u joffendilhom l-unur u jnaqqsilhom ir-reputazjoni taghhom mal-pubbliku, tikkundanna lill-konvenuti u/jew min minnhom ihallsu lill-atturi nomine dik is-somma likwidata in linea ta’ danni minnhom sofferti bhala konsegwenza ta’ dan il-libell fil-konfront taghhom u dana a tenur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikoli 28 (1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-22 ta’ Dicembru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut Frans Ghirxi eccepixxa is-segwenti;

1. Illi hu semplicement offra spazju ghall-ittra firmata, li l-kontenut taghha hu ta’ nteress pubbliku.

2. Illi l-eccipjent hu konformi mal-funzjoni tal-istampa f’socjeta’ demokratika u r-responsabbilita’ ghal dak li nkiteb ghandu jerfaghha l-kittieb darba li l-eccipjent ma kellux, *ictu oculi*, ma jxandarx l-ittra in kwistjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-15 ta’ Jannar tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut Rene’ Savona Ventura eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-arktolu in kwistjoni ma huwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-fatti msemmija huma sostanzjalment veri filwaqt li jikkonsistu f’rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku;

3. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f’*fair comment* maghmula in *buona fede*

dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta’ interess pubbliku;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tar-rapprezenanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-ilment ta’ l-atturi jista’ jigi sintetikament kompilat bil-mod segwenti:

1. Illi hassewhom malafamati b’artikolu ppubblikat fil-harga ta’ l-Orizzont tal-31 t’Ottubru tas-sena 2003 jew ahjar b’ittra hemm ippubblikata w indirizzata lill-editur intitolata “Xejn Anqas mill-Verita” iffirmata mill-konvenut Savona Ventura;

2. Illi l-attur Guillaumier ili jokkupa l-kariga ta’ Sindku ta’ San Gwann minn April tas-sena 2003 mentri l-attur Grech ilu jokkupa l-kariga ta’ Segretarju Ezekuttiv mit-18 ta’ Gunju tas-sena 2002;

3. Illi l-atturi hassewhom malafamati bis-segwenti:

a. Illi nghata “direct order” lill-kumpanija “The Light Housekeepers”;
b. Illi l-kunsill b’maggoranza nazzjonalista approva mozzjoni biex jinghata xi xoghol relatat ma’ twahhil ta’ “*floodlights”* fl-ufficini tal-kunsill armati b’ “*sensitive sensors*” minghajr kwotazzjoni ta’ kemm dan ix-xoghol kien se jigi jiswa;
c. Illi l-proprjetarju ta’ l-imsemmija socjeta’ hu l-vici-sindku ta’ San Gwann;

d. Illi dan il-vici-sindku vvota favur ix-xoghlijiet fuq indikati minghajr ma ddikjara xi forma ta' konflitt ta' interess;

e. Illi hu allegat li dan kien gia' gara l-istess f'okkazjoni precedenti fejn fl-14 ta' Novembru tas-sena 2002 l-istess vici-sindku kien "ivvota favur li jinghata b'kemm jiswew LM3,120.00,0 dawl ta' "B*elisha crossings"* f'diversi zoni f'San Gwann";

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-konvenut Savona Ventura jsostni li sostanzjalment l-allegazzjonijiet minnu riferiti fl-ittra in dizamina huma minnhom;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li d-dwal in kwistjoni kienu gew awtorizzati minn kumitat appozitu kompost minn rapprezentanti ta' diversi lokalitajiet migbura flimkien;

Illi l-kuntratti in dizamina jirrizultaw li kienu gew awtorizzati preventivament u skond il-parametri legali imposti fl-oghti ta' tali kuntratti;

Ikkunsidrat:

Illi wara li studjat sew l-ittra meritu ta' din il-procedura kif ukoll l-effetti u l-indirizz globali ta' l-istess fit-tul, ma ssib xejn li hu indirizzat fil-konfront tat-tmexxija tas-sindku attur jew tas-segretarju esekuttiv attur u tiddikjara li l-operat ta' dawn il-koatturi ma giex attakkat fl-istess ittra u ghalhekk l-operat taghhom fir-rigward ghandu jibqa' ikkunsidrat impekkabbli;

Illi jirrizulta li l-gist ta' l-ittra in dizamina hu indirizzat fil-konfront tal-vici-sindku ta' dak iz-zmien fejn kien hemm allegat li kellu jew seta' kellu xi nteress fis-socjeta' hemm indikata, liema interess, ghalkemm allegatament ammontanti ghall-konflitt ta' interess fl-operat tad-dmirijiet tieghu fil-kunsill de quo u fl-istess kumitat kongunt, del resto jidher li kien ukoll epurat f'waqtu;

Illi ghalhekk, tenut kont tas-suespost, id-dritt t'azzjoni fil-konfront ta' l-ittra in dizamina jidher li jispetta biss lil dan il-vici-sindku kif indikat fil-paragrafu precedenti u mhux lill-atturi nomine, stante li ma jirrizultax li huma kienu l-mira ta' l-istess;

Illi jidher li hi s-sensittivita' zejda fil-politika lokali li tat lok ghal din il-procedura, liema sensittivita' ghandha tigi kkontrollata b'aktar ghaqal, moderazzjoni u prudenza fl-interess tal-gid komuni;

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-atturi ghandhom interess guridiku li jippromwovu l-azzjoni odjerna stante li l-operat taghhom ma jidhirx li gie censurat bl-ebda mod fl-ittra in dizamina u ghalhekk l-ebda dritt t'azzjoni ma jiskatta favur l-atturi;

Illi konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------